32006D0714

24.10.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 293/15

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Ottubru 2006

li tissospendi d-dazju definittiv ta' l-*antidumping* impost mir-Regolament (KE) Nru 215/2002 fuq importazzjonijiet tal-ferro-molibdenu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

(2006/714/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ('ir-Regolament bażiku'), u b' mod partikolari l-Artikolu 14(4) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

(1) Il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 215/2002 [2] impona dazju definittiv ta' l-*antidumping* fuq importazzjonijiet tal-ferro-molibdenu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (RPĊ), li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 7202 70 00 (il-prodott ikkonċernat). Ir-rata tad-dazju ta' l-*antidumping* hija ta' 22,5 %.

(2) Informazzjoni dwar bidla fil-kondizzjonijiet tas-suq wara l-perjodu ta' l-investigazzjoni oriġinali (jiġifieri mill-1 ta' Ottubru 1999 sat-30 ta' Settembru 2000), li tista' tiġġustifika s-sospensjoni tal-miżuri li bħalissa qegħdin fis-seħħ, skond l-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku, ingħatat lill-Kummissjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni eżaminat jekk din is-sospensjoni kinitx mistħoqqa.

B. RAĠUNIJIET

(3) L-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku jgħid illi, fl-interess Komunitarju l-miżuri ta' l-*antidumping* jistgħu jiġu sospiżi minħabba li l-kondizzjonijiet tas-suq ikunu nbidlu temporanjament sal-punt li l-ħsara li ssir x'aktarx li ma tkunx tista' titranġa minħabba s-sospensjoni, sakemm l-industrija Komunitarja tkun ingħatat l-opportunità li tikkummenta u li dawn il-kummenti jkunu ġew ikkunsidrati. L-Artikolu 14(4) jispeċifika wkoll li dawn il-miżuri ta' l-*antidumping* jistgħu jerġgħu jiddaħħlu fi kwalunkwe ħin jekk ir-raġuni ta' sospensjoni ma tibqax applikabbli.

(4) L-EUROFER, f'isem għadd ta' utenti tal-prodott ikkonċernat, allegaw li miż-żmien tal-perjodu investigattiv, il-qagħda tas-suq inbidlet drammatikament. Il-kwerelanti fl-investigazzjoni oriġinali u produtturi Komunitarji oħrajn tal-prodott ikkonċernat, irrappreżentati minn EUROALLIAGES, ikkummentaw fuq dawn l-allegazzjonijiet, u seħħ skambju kontenzjuż ta' veduti.

(5) Sa mill-impożizzjoni definittiva tal-miżuri fi Frar 2002, l-importazzjonijiet miċ-Ċina naqsu sostanzjalment. L-istatistika ta' l-Eurostat turi tnaqqis minn madwar12 KT fl-2001 għal pratikament l-ebda importazzjoni matul il-perjodu ta' l-1 ta' April - 31 ta' Marzu 2006. L-EUROALLIAGES ikkalkulaw grad ogħla ta' penetrazzjoni bl-importazzjonijiet jaqbżu 1 KT abbażi ta' l-allegazzjoni li ċerti importazzjonijiet iddikjarati li għandhom oriġini Olandiża kienu fil-verità Ċiniżi. Fi kwalunkwe każ, anke taħt din l-assunzjoni, it-tnaqqis sinjifikanti ħafna fil-penetrazzjoni ta' l-importazzjonijiet hija ċara.

(6) Rigward l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, dawn żdiedu minn madwar 2.7 KT għal 10.7 KT, li b'hekk ikkumpensaw parzjalment it-tnaqqis mill-importazzjonijiet Ċiniżi. Il-konsum żdied b'14 %.

(7) Il-prezzijiet tas-suq fil-Komunità żdiedu minn madwar € 8/kg fil-Perjodu Investigattiv (PI) oriġinali għal madwar € 80/kg fl-2005 u qegħdin fiż-żona ta' madwar € 60/kg fl-2006. Dawn it-tendenzi jistgħu jinsabu wkoll fi swieq ewlenin oħrajn madwar id-dinja.

(8) Mill-fatturi allegati mill-partijiet l-ispjegazzjoni għal din iż-żieda fil-prezz jidher li hija nuqqas ta' kapaċitajiet ta' xiwi, jiġifieri l-kapaċitajiet għat-trasformazzjoni tal-konċentrat tal-molibdenu f'molibdenu ossidu (li mbagħad jinqaleb f'ferro-molibdenu). Dan il-fattur ewlieni jispjega fil-biċċa l-kbira ż-żidiet fil-prezz u l-iżbilanċ fid-domanda u l-provvista li din iġġenerat fis-suq Komunitarju. Abbażi tat-tagħrif ippreżentat, jidher li n-nuqqas tal-kapaċità ta' xiwi se tintemm probabbilment matul l-2007 bid-dħul fis-seħħ ta' kapaċità ġdida.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

[2] ĠU L 35, 6.2.2002, p. 1.

(9) Fir-rigward ta' l-industrija Komunitarja, irridu ninnutaw li minħabba l-impożizzjoni tal-miżuri, il-qagħda ta' l-industrija Komunitarja tjiebet. Il-volum tal-bejgħ u l-produzzjoni żdiedu b'25 % u 5 % rispettivament, u b'hekk qiegħed jilħaq sehem mis-suq ta' madwar 26 %. Il-qagħda tal-profitt tjiebet ukoll. Għalkemm l-industrija Komunitarja ma laħqitx konsistentement il-livell ta' profitt normali ta' 5 % stabbilit mill-investigazzjoni oriġinali, il-Komunità industrijali, madankollu, iggwadanjat sa 5 punti perċentwali u saret profittabbli.

(10) Il-prezzijiet ta' esportazzjoni Ċiniżi lejn pajjiżi terzi segwew l-istess tendenza ta' titjib deskritta hawn fuq, li jindika li jekk il-miżuri jiġu sospiżi jkun improbabbli li jonqsu fi żmien qasir ħafna sal-punt li l-ħsara tkompli.

(11) Ma nstabet l-ebda indikazzjoni għalfejn is-sospensjoni ma tkunx fl-interess Komunitarju.

C. **KONKLUŻJONI**

(12) Bħala konklużjoni, meta titqies il-bidla temporanja fil-kondizzjonijiet tas-suq, u partikolarment il-livell għoli ta' prezzijiet tal-prodott ikkonċernat ipprattikat fis-suq Komunitarju, li huwa wisq ogħla mil-livell offensiv li nstab fl-investigazzjoni oriġinali, flimkien ma' l-allegazzjoni ta' żbilanċ fid-domanda u l-provvista tal-prodott ikkonċernat, jitqies li l-ħsara marbuta ma' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ mhijiex probabbli li terġa' tibda b'riżultat tas-sospensjoni. Għalhekk qiegħed jiġi propost li l-miżuri fis-seħħ jiġu sospiżi għal disa' xhur bi qbil ma' l-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku.

(13) Skond l-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni infurmat lill-industrija Komunitarja dwar l-intenzjoni tagħha li tissospendi l-miżuri fis-seħħ ta' ta' l-*antidumping*. L-industrija Komunitarja ngħatat l-opportunità li tikkummenta. L-industrija Komunitarja ma opponietx is-sospensjoni tal-miżuri ta' l-*antidumping* fis-seħħ.

(14) Il-Kummissjoni għalhekk tqis li r-rekwiżiti kollha għas-sospensjoni tad-dazju ta' l-*antidumping* impost fuq il-prodott ikkonċernat intlaħqu, bi qbil ma' l-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, id-dazju ta' l-*antidumping* li kien impost mir-Regolament (KE) Nru 215/2002 għandu jiġi sospiż għal perjodu ta' disa' xhur.

(15) Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorizza l-iżvilupp ta' l-importazzjonijiet u l-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat. Jekk f'xi ħin tinħoloq sitwazzjoni fejn jerġa' jkun hemm żieda ta' volumi fil-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ mixtrija taħt il-prezz u konsegwentement jikkawżaw ħsara fl-industrija Komunitarja, il-Kummissjoni terġa' ddaħħal d-dazju ta' ta' l-*antidumping* billi tħassar is-sospensjoni attwali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-dazju definittiv ta' l-*antidumping* impost, mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2002 fuq importazzjonijiet tal-ferromolibdenu, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 7202 70 00, u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (RPĊ) hija b'dan sospiża għal perjodu ta' disa' xhur.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, nhar it-23 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni